TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

CCT 189/15 MS

Philip u Julie Buttigieg

vs

Brandon Degiorgio - Brand Aluminium

Illum 13 ta' Marzu 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrenti fil-5 ta' Ottubru 2015 fejn talbu r-rifuzjoni ta' elf hames mija u hamsin Euro (€1550.00), prezz ta' bieb ta' *garage* mixtri u installat mill-intimat, liema bieb gie affett minn kwantita ta' sadid sentejn biss wara gie installat.

Ra illi l-intimat kien gie notifikat fit-18 ta' Novembru 2015.

Ra illi minkejja tali notifika, l-intimat ma pprezentax risposta ghat-talba tal-atturi.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-digriet tal-15 ta' Frar 2016 li bih gie nominat il-perit arkitett Shawn Micallef sabiex jaccedi fuq il-post u wara li jara l-bieb tal-garaxx kif ukoll il-gebla li tmiss maghha, jirrelata dwar il-kundizzjoni ta' din il-gebla u jekk din hix il-kawza tas-sadid li jidher fuq il-bieb.

Ra illi t-tekniku minnu nnominat ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fis-26 ta' Mejju 2016.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi irrizulta mill-provi u mhux kontestat li r-rikorrent xtara bieb ta' garaxx minghand l-intimat bil-prezz ta' €1,550. Dan il-bieb kien moghni b'garanzija ghall-ghaxar snin kontra s-sadid u hames snin fuq il-mutur tieghu. Ir-rikorrent ighid illi wara sentejn beda hiereg is-sadid taht il-lastiku u mal-genb tal-bieb. Esebixxa diversi ritratti (PB1 - PB5) li juru l-istat tal-bieb. Minkejja li l-intimat ma pprezentax risposta, it-tribunal sema' l-versjoni tieghu, fejn dan allega illi l-kawza tas-sadid kien gej mill-gebel li l-bieb imiss mieghu liema gebel isostni l-intimat gej minn barriera hdejn il-bahar.

Illi minhabba l-kwistjoni teknika ta' din il-kawza it-Tribunal innomina l-perit Shawn Micallef, bl-inkarigu fuq imsemmi fejn dan seta' jikkonstata is-sadid fuq il-bieb, kif ukoll il-gebla li tmiss maghha. it-tekniku ikkonkluda hekk:

*1. Ili s-sadid ta' dan il-bieb jirrizulta kemm fuq ic-caccis ta' dan il-bieb u kif ukoll fuq il-bieb innifsu. Il-fatt li hemm partijiet kemm mic-caccis kif ukoll mill-bieb innifsu li mhumiex in kuntatt*

*mal-koxox ta' dan l-istess bieb u xorta saddu bhal ma jixhdu r-ritratti annessi ma' dan l-istess rapport, is-sottoskritt qieghed jeskludi li l-konsegwenza ta' dawn il-hsarat gejja mill-gebla.*

*2. Illi l-gebla wzata fil-faccata ta' din l-istess dar hija wahda tat-tip gulgliena. Is-sottoskritt minn spezzjoni vizwali qieghed jikkonkludi li ma hemmx is-sinjali ta' deterjorazzjoni tal-gebla kawza ta' melh u ghalhekk jerga' jeskludi a bazi ta' din it-tieni konkluzjoni li l-hsarat fuq dan l-istess bieb huma kawza tal-gebla tal-faccata.*

Illi t-Tribunal stante in-natura teknika ta' din il-konkluzjoni ma ssib l-ebda raguni illi ghandha tiddipartixxi minnha peress illi dina ma gietx kontestata u l-anqas ma gew pprezentati xi rapporti ohra li jmeru l-konkluzjoni peritali.

Illi din il-konkluzjoni kwindi twaqqa' ghal kollox l-argument tal-intimat li l-kawza tas-sadid gejja mill-gebla tal-madwar u ghalhekk jifdal biss difett difett fil-manifattura, fejn minhabba nuqqas jew iehor, hareg is-sadid meta supposst kien hemm garanzija kontra dan. Peress illi s-sadid hareg fit-terminu tal-garanzija, ir-rikorrenti ghandhom dritt illi jew jinbidel il-bieb jew jiehdu l-flus lura. Ir-rikorrenti talbu biss li jiehdu rifuzjoni tal-flus illi hallsu u ghalhekk dan it-Tribunal stante l-konkluzjoni fuq imsemmija mhux kontestata, jidhirlu illi ghandu jilqa' it-talba tal-atturi.

Ghaldaqstant, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tal-atturi, jikkundanna lill-intimat li jirrifondi s-somma ta' €1,550 lir-rikorrenti, bid-dritt illi wara l-hlas l-intimat ikun jista' jiehu lura l-bieb imsemmi. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru